MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 1218/2013/1

**Rikors tar-rikorrenti s-socjeta` Valletta Freight Services Limited (C3478) datat l-24 ta' Dicembru 2013 fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 658/13 fl-ismijiet:**

**Tarros S.p.A gia` maghrufa Tarros International S.p.A rapprezentata mill-mandatarju specjali l-Avukat Louis Cassar Pullicino**

**v.**

**Valletta Freight Services Limited (C-3478)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` Valletta Freight Services Ltd tal-24 ta' Dicembru 2013 li jaqra hekk:

> "1. Illi permezz ta' mandat ta' sekwestru Nru. 658/13 hekk akkordat nhar it-tlieta (3) ta' Mejju 2013, mahrug kontra s-socjeta` esponenti, gie hekk sekwestrat l-ammont *mhux dovut* ta' mija u hamsa u sittin elf tliet mija u hmistax Euro u tnejn u hamsin centezmu (€165,315.52);
>
> "2. Illi s-socjeta` esponenti ghat-tieni darba diga` kkontestat dan l-ammont precedentement meta ottjeniet il-hrug ta' kontro mandat nhar id-29 ta' April 2013;
>
> "3. Illi ghal kuntrarju ghal dak li s-socjeta` sekwestranti tallega fil-mandat ta' sekwestru taghha Nru 658/13 u cioe` "illi l-hurg tal-kontro mandat in kwistjoni huwa affettat minn dikjarazzjoni qarrieqa tas-socjeta` intimata u li dwarha s-socjeta` rikorrenti qed tirrizerva pjenament d-drittijiet taghha, l-istess socjeta` missa taf ben tajjeb illi s-*somma hekk sekwestrata hija wahda eccessiva u skorretta ghar-ragunijiet segwenti;*
>
> "4. Illi meta gie pprezentat il-mandat ta' sekwestru NRU446/13, is-socjeta` sekwestranti kien missha vverfikat sew l-affarijiet taghha qabel ma ppermettiet ruhha li tallega **fuq gurament** *qerq* mis-socjeta` rikorrenti. Illi kien messha

pprezentat lill-Qorti wkoll id-dokumenti illi bihom juru li l-fondi bin-numri hamsa u disghin (95), disgha u disghin (99) u mija u tlieta (103) maghrufa bhala Pinto House, Xatt l-Ghassara tal-Gheneb, Marsa, gew irkuprati lura mis-socjeta` rikorrenti permezz ta' cedola ta' depozitu NRU: 388/2013 fl-ammont ta' mitejn u dsatax-il elf, sitt mija u erbgha Euro u sitt centezmi (€219,604.06) rapprezentanti s-sorte u r-rimanenti spejjez involuti;

"5. Illi mill-prospett pjuttost dettaljat tas-socjeta` sekwestranti, m'hemmx qbil fuq l-imghax kalkulat bejn id-29 ta' Jannar 1996 sal-11 ta' Frar 2011 fl-ammont ta' €271,324.27 **vide Dok A;**

"6. Illi fir-rigward il-kontestazzjoni li qed ssir fuq l-imghax ikalkulat bejn id-29 ta' Jannar 1996 sal-11 ta' Frar 2011 fl-ammont ta' €271,324.27, ghandu jigi spjegat lill-Onorabbli Qorti fil-kawza Nru 847/2012 fl-ismijiet *Dr. Renato Cefai noe v. Valletta Freight Services Ltd* illi nhar id-19 ta' Settembru 2012 waqt seduta quddiem l-Imhallef Mark Chetcuti, kienet ingibdet l-attenzjoni mis-socjeta` esponenti fuq l-ammont ta' imghax li kien gie kalkolat hazin u li fuq ammissjoni tas-socjeta` sekwestranti stess stqarret li dak kien zball tal-*calculator* u ppromettiet ruhha kif hekk sar li ssir korrezzjoni billi tipprezenta prospett iehor fejn rreduciet l-ammont ta' imghax bejn id-29 ta' Jannar 1996 sad-29 ta' Mejju 2012 minn €236,081.42 ghall-€163,811.34 u cioe` skont ta' €72,270.08 **vide Dok B1 u Dok B2;**

"7. Illi skont il-prospett mghemuz mal-mandat ta' sekwestru NRU 658/13 issir referenza wkoll u li fuqu hemm qbil, li kien sar pagament akkont mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimata fl-ammont ta' €65,595.15 nhar il-11 ta' Frar 2011;

"8. Illi meta wiehed jikkalkula l-bilanc ta' kreditu li s-socjeta` intimata jonqosha tithallas huwa fl-ammont ta' €84,721.41;

"9. Illi huwa minnu li s-socjeta` esponenti harget mandat ta' sekwestru fir-rigward tas-somma depozitata bhala rkupru, imma dan kellu ta' bilfors isir peress illi s-socjeta` esponenti kellha tikkawtela d-drittijiet taghha ghall-annullament tas-subbasta liema drittijiet jinsabu diga` dedotti in gudizzju permezz tal-kawza fl-ismijiet *Valletta Freight Services Limited v. Tarros S.p.A mgharufa bhala Tarros International S.p.A* NRU:629/12. F'kaz li s-socjeta`

esponenti tirbah il-kawza ghall-annullament tas-subbasta Nru2/2011, tkun tista' hekk tiehu lura dawn il-flus, filwaqt li jekk is-socjeta` esponenti tkun sokkombenti f'dawn il-proceduri s-somma depozitata xorta wahda jkollha titnaqqas mill-ammont dovut lis-socjeta` sekwestranti;

"10. Illi s-socjeta` esponenti qeghda bi dritt kollu taghha tikkontesta l-ammont sekwestrat u dan ghar-ragunijiet fattwali u ppruvati, kif hekk hawn fuq premess, li meta tqis kollox gie mahrug ghat-tieni darba mandat ta' sekwestru bl-ammont konsapevolment zejjed ta' €72,270.08, l-istess ammont li s-socjeta` intimata stess kienet irreduciet u pprezentat fil-prospett taghha nhar id-19 ta' Settembru 2012 fil-kawza Nru 847/2012 fl-ismijiet *Dr. Renato Cefai noe v. Valletta Freight Services Ltd*, u li ghat-tieni darba qeghda tipprova terga' tirkupra lura billi **tqarraq** hija stess lil din l-Onorabbli Qorti b'fatti erronji u mhux pruvati;

"11. Illi s-socjeta` esponenti hasset ruhha pregudikata li giet sekwestrata somma eccessiva fuq gurament li ttiehed darbtejn kontra s-socjeta` esponenti li bhala socjeta` attiva fil-kummerc dan serva biss ta' detriment u hsara verso l-istess socjeta` esponenti li qeghda ghal dan il-ghan tirrizerva pjenament id-drittijiet taghha f'dan ir-rigward;

"Ghaldaqstant ghar-ragunijiet validi hawn fuq premessi, is-socjeta` esponenti titlob bl-umli rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"(1) Tiddikjara n-nullita` tal-mandat ta' sekwestru numru 658/13 a tenur tal-Artikolu 279 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-hrug tal-kontro-mandat opportun u tikkundanna lis-socjeta` sekwestranti skont l-Artikolu 279 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li fuq talba taghha inhareg il-mandat ta' sekwestru NRU 658/13 sabiex thallas dawk id-danni li s-socjeta` esponenti garrbet bil-hrug tal-mandat de quo u/jew

"(2) Tirrevoka *in parte* l-mandat ta' sekwestru NRU 658/13 a tenur tal-Artikolu 281 b'rizerva ghad-drittijiet kollha tas-socjeta` rikorrenti fil-konfront tas-socjeta`."

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata Tarros S.p.A li bih wiegbet illi:

"Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.

"Illi r-rikors promotur jispikka b'numru ta' premessi li huma ghal kollox inkorretti u zleali u l-esponent sejjer ghalhekk jelenka l-fatti rilevanti b'mod komplet u kronologiku:

"Illi b'sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-4 ta' Gunju 2010, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Gunju 2010 fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Renato Cefai nomine v. Valletta Freight Services Limited" (Citaz. Nru. 1321/1996), is-socjeta` esponenti giet kanonizzata kreditur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' mija u tmenin elf Euro (€180,674.57), oltre l-imghax legali li beda jiddekorri mid-29 ta' Jannar 1996 u l-ispejjez gudizzjarji;

"Illi in ezekuzzjoni parzjali tas-sentenza hawn fuq indikata, is-socjeta` esponenti zbankat bl-approvazzjoni tal-Qorti garanzija bankarja fis-somma ta' €65,595.15 u liema garanzija bankarja kienet giet depozitata mis-socjeta` rikorrenti in segwitu ta' mandat ta' inibizzjoni li ottjeniet is-socjeta` esponenti in kawtela tal-pretensjonijiet taghha kif dedotti fil-kawza eventwalment deciza favur taghha;

"Illi peress illi kien evidenti illi s-socjeta` rikorrenti ma riedet thallas xejn mid-dejn kanonizzat kontra taghha, is-socjeta` esponenti kompliet bl-isforzi taghha li tezegwixxi s-sentenza in kwistjoni billi ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' qbid fuq proprjeta` immobbli appartenti lis-socjeta` rikorrenti gewwa l-Marsa u dan fis-7 ta' Jannar 2011 u liema mandat ta' qbid gie segwit bil-bejgh bis-subbasta tal-istess proprjeta` fl-20 ta' Gunju 2012 (Subbasta Numru 2/2011);

"Illi matul il-proceduri tal-imsemmi bejgh bis-subbasta l-proprjeta` maqbuda u li tinsab gewwa l-Marsa giet liberata favur l-istess socjeta` esponenti *"animo compensandi"* versu l-press ta' €207,000.00;

“Illi b’digriet moghti fid-19 ta’ Settembru 2012 fl-atti tal-fuq imsemmija l-Qorti kienet approvat it-talba tas-socjeta` esponenti ghat-tpacija tal-prezz offert fis-somma ta’ €207,000.00;

“Illi kif jirrizulta mill-imsemmi digriet tad-19 ta’ Settembru 2012 (kopja annessa Dok. X1), il-Qorti cahdet is-sottomissjonijiet kollha avvanzati mis-socjeta` rikorrenti f’dak l-istadju dwar konteggi u komputazzjoni ta’ imghaxijiet u kalkoli ohra b’dan ghalhekk illi bl-approvazzjoni ta’ din it-tpacija, bil-konsegwenza pero`, illi l-kreditu kanonizzat favur l-istess socjeta` esponenti, u nkluz imghaxijiet li baqghu dejjem jakkumulaw, naqas bis-somma ulterjuri ta’ €207,000.00;

“Illi nonostante r-riduzzjoni tal-kreditu kanonizzat favur is-socjeta` esponenti bl-imsemmija somma ta’ €207,000.00 baqa’ bilanc dovut u ghalhekk fit-22 ta’ Marzu 2013 is-socjeta` esponenti ottjeniet il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru 446/2013 in ezekuzzjoni tal-ammont bilancjali dovut f’dak il-mument ta’ €165,315.52 skont il-prospett anness mal-imsemmi mandat u li kopja tal-istess prospett qed jigi hawn anness bhala Dok. X2; mill-imsemmi prospett jidher car illi s-socjeta` esponenti kienet qed tnaqqas mill-kalkoli tas-sorte u tal-imghaxijiet, kemm il-pagament ta’ €65,596.15 li sar fil-11 ta’ Frar 2011 meta giet inkassata l-garanzija bankarja hawn fuq riferita kif ukoll is-somma ta’ €207,000.00 bis-sahha tat-tpacija approvata mill-Qorti bis-sahha tad-digriet imsemmi tad-19 ta’ Settembru 2012;

“Illi fid-29 ta’ April 2013 is-socjeta` ntimata ottjeniet il-hrug ta’ kontro mandat relattivament ghall-imsemmi mandat ta’ sekwestru u r-raguni migjuba kienet illi *“… l-ammont pretiz jinsab depozitat permezz ta’ cedola ta’ depozitu numru 388/13.”*

“Illi sa dakinhar li giet notifikata l-imsemmi kontro mandat, is-socjeta` esponenti ma kinitx ghadha taf bl-ezistenza tac-cedola ta’ depozitu numru 388/13. In fatti kien biss wara li saret ricerka fir-registru ta’ din il-Qorti li s-socjeta` esponenti ottjeniet kopja tal-imsemmija cedola numru 388/13 (kopja annessa Dok. X3) datata 15 ta’ Marzu 2013 u li ma sar l-ebda tentattiv da parti tas-socjeta` rikorrenti li tinnotifika l-istess cedola lis-socjeta` esponenti;

"Illi izda mill-imsemmija cedola ta' depozitu numru 388/13 jirrizulta proprju l-oppost ta' dak dikjarat mis-socjeta` rikorrenti fil-kontro mandat billi permezz ta' din c-cedola s-socjeta` rikorrenti ma kinitx iddepozitat l-ammont ta' €165,315.52 indikat fl-imsemmi mandat ta' sekwestru izda kienet irkuprat l-immobbli mibjugh fis-subbasta u akkwistat mis-socjeta` esponenti *"animo compensandi"* u dan a tenur tal-Art. 355 tal-Kap. 12, tant hu hekk illi l-ammont depozitat kien jammonta ghal €219,604.06 u li kien jikkomprendi l-prezz pacut ta' €207,000.00 u l-ispejjez relattiva;

"Illi apparti kwistjoni ta' ammonti, huwa ovvju illi bic-cedola ta' depozitu numru 388/13 prezentata fil-15 ta' Marzu 2013, is-socjeta` rikorrenti ma setghet qatt kellha l-intenzjoni li tiddepozita jew b'xi mod tikkawtela l-bilanc dedott fil-mandat ta' sekwestru numru 446/12 proprju ghaliex dan il-mandat ta' sekwestru inhareg fit-22 ta' Marzu 2013;

"Illi kien proprju ghalhekk illi s-socjeta` esponenti immedjatament meta rat dawn il-manuvri qarrieqa, zleali u *abusive* da parti tas-socjeta` rikorrenti, ottjeniet il-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv iehor numru 658/13 mertu tal-proceduri odjerni ghaliex kellha kull dritt li tezigi l-hlas tal-ammont dovut dakinhar ta' €165,315.52;

"Illi ghalhekk mhuwiex assolut minnu illi l-bilanc dovut lis-socjeta` esponenti huwa dak indikat mis-socjeta` rikorrenti ta' €84,721.41; kif jidher car mill-prospett anness mal-imsemmi mandat ta' sekwestru, il-bilanc li dakinhar li nhareg il-mandat ta' sekwestru kien proprju €165,315.52;

"Illi jekk xejn pero` is-sitwazzjoni llum inbidlet ghaliex il-bilanc dovut lis-socjeta` esponenti zdied fis-sens illi l-ammont attwalment dovut lis-socjeta` esponenti zdied bis-somma ekwivalenti ghall-ammont ta' €219,604.06 depozitata bic-cedola ta' depozitu numru 388/2013; illi in effetti s-socjeta` esponenti ma rnexiliex sal-lum tizbanka l-imsemmi ammont ta' €219,604.06 akkont tal-kreditu lilha dovut kawza ta' diversi ostakoli procedurali avvanzati mis-socjeta` esponenti;

"Illi b'digriet datat 20 ta' Gunju 2013 din il-Qorti ordnat l-izbank wara li kkunsidrat illi *"… … ghalkemm notifikata s-socjeta` ntimata baqghet ma wegbitx u dan minghajr ma resqet raguni valida ghal dan".* (Dok. X4)

"Illi nonostante l-imsemmi digriet ta' zbank, is-socjeta` rikorrenti mbaghad iffrustrat l-izbank billi harget mandat ta' sekwestru fl-24 ta' Gunju 2013 numru 917/2013 sabiex tikkawtela *"pretensjoni dedotta fic-citazzjoni numru 629/2012".* Ta' min jirrileva illi f'din il-kawza s-socjeta` rikorrenti qeghda tittenta li tannulla l-atti tas-subbasta ghaliex tallega illi l-proceduri huma nulli u billi l-perit imqabbad mill-Qorti sabiex jaghmel stima tal-immobbli dam aktar minn sena sabiex jesplita l-inkarigu moghti lilu u li dan il-fatt iwassal ghan-nullita`;

"Illi b'digriet moghti fit-12 ta' Dicembru 2013, il-Qorti rrevokat dan il-mandat ta' sekwestru u kkunsidrat illi *"… jirrizulta palizi li l-procedura odjerna hi biss wahda minn kullana li permezz taghha s-socjeta` intimata Valletta Freight Services Limited intavolat biex tiffrustra l-konkluzjoni naturali tal-proceduri li fihom il-kontendenti huma nvoluti; illi jirrizulta assodat li filwaqt li s-socjeta` intimata fuq indikata ssostni li l-procedura tas-subbasta hi nulla, fl-istess hin ipartecipat attivament fiha u anke ddepozitat is-somma kospikwa fiha, mertu ta' dawn il-proceduri."* (Dok. X5)

"Illi b'mod ghal kollox abbuziv u minkejja dawn id-digriet tal-Qorti sabiex jawtorizza l-izbank tas-somma depozitat favur is-socjeta` esponenti, is-socjeta` esponenti, is-socjeta` rikorrenti fl-istess jum tad-digriet hawn fuq indikat moghti fit-12 ta' Dicembru 2013 harget mandat ta' sekwestru iehor *"in kawtela tad-drittijiet tal-esponenti sabiex jirkupraw u kwindi jizbankaw is-somma surreferita…"* u dan il-mandat ta' sekwestru gie segwit b'rikors guramentat prezentat fl-24 ta' Dicembru 2013 (Rikors Guramentat Numru 1217/13) li huwa identiku ghal dak gia` pendenti fil-kawza numru 629/2013 fejn qed tintalab ghal darba ohra dikjarazzjoni li l-atti tas-subbasta huma nulli segwita b'talba ghall-izbank tal-ammont depozitat bic-cedola ta' depozitu msemmija;

"Illi fid-dawl tal-fatti u cirkostanzi kollha tal-kaz, huwa evidenti illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ma ghandhomx jintlaqghu ghaliex huma ghal kollox infondanti.

"Illi s-sitwazzjoni attwali hija tali illi s-socjeta` esponenti ghandha fil-prezent bilanc dovut tas-sorte u imghax fis-somma ta' €399,537.08 kif jirrizulta ahjar mill-anness prospett agiornat sal-31 ta' Dicembru 2013 u li qed jigi hawn anness bhala Dok X6."

Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Frar 2014 li in forza taghha cahdet it-talba ghat-thassir tal-mandat ta’ sekwestru inkwistjoni bhala mhux gustifikata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

Dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Illi din hija azzjoni mahsuba biex jithassar Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv mahrug fl-ismijiet *Tarros.S.p.a. v. Valletta Freight Services Ltd* (Numru 658/13) fit-3 ta' Mejju 2013.
>
> “Jirrizulta li s-Socjeta' Tarros S.p.A. b'rikors ipprezentat fit-2 ta' Mejju 2013, talbet u ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv fl-ammont ta' €165,315.52 in esekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-4 ta' Gunju 2010, ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet ***Dr. Renato Cefai noe v Valletta Freight Services Ltd*** *(Cit. Nru 1321/1996).* Fir-rikors premess is-socjeta' ezekutanti ddikjarat lill-Qorti li kienet gja talbet il-hrug ta' mandat ezekuttiv antecenti ghal dak odjern fit-22 ta' Marzu 2013, liema mandat gie revokat fid-29 ta' April 2013 billi Valletta Freight Services Limited "*iddikjaraw li ...l-ammont pretiz jinsab ddepozitat permezz ta' cedola ta' depozitu 388/13." Inoltre* irrilevat li c-cedola kienet cedola ta' rkupru kif fuq spjegat. L-ammont ta' €165,315.52 hu dikjarat li hu "*bilanc ta' sorte u imghax kif jirrizulta mill-prospett anness."*
>
> “Illi s-socjeta' intimata kienet giet kanonizzata kredittrici kontra s-socjeta` rikorrenti permezz tas-sentenza surriferita fl-ammont €180,000 *sorte, oltre* - imghaxijiet legali dekorribbli mid-29 ta' Jannar 1996. L-ispejjez gudizzjarji ammontaw ghal €12,830,65 skont taxxa esebita in atti.
>
> “**<u>Rizultanzi Fattwali</u>**

“Ir-rikorrenti ticcensura lil Tarros S.p.A. talli ma ghamlitx il-verifiki taghha sew qabel ma talbet il-hrug tal-ewwel mandat ezekuttiv billi ma semmiet xejn dwar ic-cedola ta' rkupru fl-ammont ta' €219,604 li jkopri l-prezz offrut u l-ispejjez gudizzjarji tas-subbasta.

“Tghid li l-ammont iddikjarat fil-mandat hu eccessiv u skorett billi l-imghax ma giex ikkalkolat sew u dan l-izball gie ammess fil-proceduri ohra pendenti bejn il-partijiet. F'dawk il-proceduri s-socjeta' intimata irriduciet l-ammont ta' imghaxijiet dovuti bejn id-29 ta' Jannar 1996 sad-29 ta' Mejju 2012 minn €236,081 ghal €163,811.34 **(DOK B1 u B2)**

“Is-socjeta' rikorrenti tilqa' ghal dawn il-lanjanzi billi tirreferi ghall-perkors xejn felici li kellha issegwi sallum u li effettivament ghadha ma thallset xejn hlief akkont ta' €65,595.15.

“Huwa utili ghalhekk sabiex din il-Qorti taghti harsa lejn il-proceduri li gew inkorsi sallum bejn il-kontendenti.

“Illi s-socjeta' intimata kienet giet kanonizzata kreditrici kontra s-socjeta` rikorrenti permezz tas-sentenza surriferita fl-ammont €180,000 *sorte, oltre* -imghaxijiet legali dekorribbli mid-29 ta' Jannar 1996. L-ispejjez gudizzjarji ammontaw ghal €12,830,65 skont taxxa esebita in atti.

“In ezekuzzjoni parzjali tal-kreditu taghha, is-socjeta` intimata zbankat, bl-approvazzjoni tal-Qorti, garanzija bankarja fis-somma ta’ €65,595.15. Sussegwentement ipprocediet kontra s-socjeta' rikorrenti b'Mandat ta' Qbid u bi proceduri ghall-bejgh in subbasta ta' beni immobbli appartenenti lis-socjeta' rikorrenti fil-Marsa. Il-bejgh in Subbasta gie esegwit fl-20 ta' Gunju 2012 (Subb.Numru 2/2011).

“Din il-proprjeta' giet liberata favur is-socjeta' intimata *animo compensandi* u b'Digriet moghti fid-19 ta' Settembru 2012 fl-atti tas-subbasta, il-Qorti f'dawk il-proceduri approvat it-tpacija tal-prezz offert fis-somma ta' €207,000.

“Is-socjeta' intimata in segwitu ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra s-socjeta' rikorrenti ghall-bilanc rimanenti mill-kreditu komplessiv taghha, ikkalkolat dan il-bilanc fl-ammont ta' €165,315.52. (Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv Nru. 446/2013 mahrug fit-22 ta' Marzu 2013) u dan skont prospett esebit bhala **DOK C2.**

“Madanakollu dan il-Mandat gie revokat fuq talba tas-socjeta' rikorrenti li stqarret li "*l-ammont pretiz jinsab depozitat permezz ta' cedola ta' depozitu numru 388/13."* Irrizulta li dan ma kienx minnu ghaliex l-ammont depozitat bic-cedola (Numru 388/13) kien jirrapprezenta l-prezz ta' tpacija offerta minn Tarros S.p.A. u ma kopriex l-ammont imsemmi fil-mandat. Gara li *Valletta Freight Services Limited* ottjeniet hi stess il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju **(917/2013)** kontra *Tarros S.p.A.* sabiex b'hekk Tarros S.p.A. giet mizmuma milli tizbanka l-ammont depozitat fic-Cedola premessa.

“Is-socjeta' rikorrenti fil-mori istitwiet proceduri biex timpunja s-subbasta imsemmija.

“Eventwalment il-Mandat mahrug minn *Valletta Freight Services Ltd.* (917/2013) gie revokat b'Digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-12 ta' Dicembru 2013 izda dan ma bbastax lis-socjeta` rikorrenti li fil-pront agixxiet biex tottjeni l-hrug ta' mandat ta' sekwestru iehor identiku.

**“DRITT**

“Ikkonsidrat li dan ir-rikors sar abbazi tal-**Artikolu 279** *stante* li r-rikorrent qed jghid li l-Mandat hu null, kif ukoll tal-**Artikolu 281 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta fejn huwa moghti d-dritt lill-persuna li jinhareg kontra taghha mandat esekuttiv sabiex jaghmel rikors fejn jintalab li l-istess mandat jithassar ghal kollox jew parti minnu, naturalment ghar-raguni valida fil-ligi.

“Kif gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "***Edward Pace v Michael Sultana”*** (PA JRM - Rik 287/05 - dec fil-5 ta' Mejju 2005) "*Illi l-ligi ma tghidx x’tista’ tkun “raguni valida skont il-ligi”, li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista’ jinghad li mandat jista’ biss jigi attakkat kemm-il*

*darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma* [1]*. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju".*

"Abbazi ta' dan jirrizulta manifest li l-Mandat – li huwa att ezekuttiv – inhareg fuq il-bazi li t-titolu ezekuttiv ghadu fis-sehh. Mad-daqqa t'ghajn, jidher li l-Mandat ihares dak kollu li tipprovdi l-ligi ghas-siwi tieghu[2] u certament inhareg minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Registratur tal-Qrati;

"Ghalhekk abbazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu respinti in kwantu li l-elementi mehtiega mil-Ligi ma jirrizultawx fil-kaz in ezami.

*"Inoltre*, anke li kieku l-Qorti kellha tikkonsidra l-eccessivita' bhala raguni ghall-applikazzjoni tal-artikolu 279 tal-Kap 12. tqis li s-socjeta' rikorrenti ma ppruvatx din l-allegazzjoni.

"Fid-dawl tas-suespost, jirrizulta pacifiku li *Torres S.p.A.* ghadha ma ssoddisfatx il-kreditu taghha ghajr ghas-somma akkont ta' €65,595.15 li kienet depozitata bhala garanzija bankarja u li hi zbankat bl-approvazzjoni tal-Qorti. Is-socjeta' debitrici ezekutata ma ghamlet l-ebda hlas iehor minkejja li t-trapass ta' zmien.

"Hu pacifiku bejn il-partijiet li hlas akkont l-ewwel jigi akkreditat kontra l-imghaxijiet u spejjez. Is-socjeta` intimata esebiet prospett **(DOK LCP1)** minn fejn jirrizulta li l-bilanc dovut ikkalkolat b'imghaxijiet u spejjez sat-22 ta' Gunju 2012 jammonta ghal €365,875.89 li, wara li jitnaqqas l-ammont ta' €207,000 offrut *animo compensandi* fis-subbasta, ihalli bilanc ta' €165,315 inkluz imghaxijiet ulterjuri fuq il-bilanc mit-22 ta' Gunju 2012 sat-22 ta' Frar 2013.

---

[1] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (digriet interlokutorju)

[2] Art 274 Kap.12

“Is-socjeta` rikorrenti tishaq li s-socjeta` intimata ghamlet zball fil-kalkolu tal-imghaxijiet u li l-bilanc ghandu ikun ta' €84,721.41 u mhux €165,315.52. Izda meta l-Qorti saqsiet lil David Jones ghal darba darbtejn biex jiggustifika l-kalkoli tieghu, *onere* li jispetta lilu bhala r-rikorrent odjern, dan ma offra l-ebda prospett jew spjegazzjoni ghajr li baqa' jirrepeti li s-socjeta' intimata ammettiet li hadet zball fi proceduri estranei ghal dawk odjerni.

“Ikkonsidrat li l-ammont ta’ €180,000 jrendi imghax fl-ammont annwali ta’ €14,400 bir-rata ta' 8% li bejn is-snin 1996 sa 2011 (15-il sena) jammonta ghal €216,000 circa. *Inoltre* s-socjeta` intimata lanqas ikkalkolat l-imghax fuq is-somma *animo compensandi* ta' €207,000 ghall-perjodu bejn Settembru 2012 sad-data tal-Mandat mertu ta' dawn il-proceduri, liema ammont ghandu jizdied mas-somma murija fuq il-prospett **DOK LCP1**.

“Ikkonsidrat f'kaz li, *dato ma non concesso*, is-subbasta tigi annullata, b'dan ma jbiddel xejn mill-fatt li s-socjeta' ezekutanti hija kanonizzata kreditrici b'sentenza li ghaddiet in gudikat u li l-imghaxijiet baqghu jduru kontra s-socjeta' rikorrenti. Anke li kieku dawn l-istess proceduri qed jigu impunjata, din tibqa' kwistjoni ta' mertu li ma jrendix il-Mandat null jew inesegwibbli.

“Jirrizulta li, kontrarjament ghat-tezi tar-rikorrenti, l-Mandat odjern inhareg ghal somma ferm inferjuri ghall-ammont realment dovut u b'hekk ir-rikorrent ma irnexxielux jipprova l-kaz tieghu.

“Ghaldaqstant lill-Qorti ma jirrizultalhiex li hemm raguni tajba biex l-istess Mandat jigi attakkat;”

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Valletta Freight Services Ltd li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

“… … hekk thassar u tirrevoka d-digriet tal-Ewwel Qorti fuq imsemmi, moqri fis-sitta (6) ta’ Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) u tiddeciedi li tilqa’ t-talba ghar-revoka tal-mandat tas-sekwestru ezekuttiv nru 685/13 fl-ismijiet premessi u

> cioe` illi tiddikjara n-nullita` tal-mandat ta’ sekwestru numru 658/13 a tenur tal-Artikolu 279 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna u tikkundanna lis-socjeta` sekwestranti skont l-Artikolu 279 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li fuq talba taghha inhareg il-mandat ta’ sekwestru Nru 658/13 sabiex thallas dak id-danni li s-sekwestru esponenti garrbet bil-hrug tal-mandat de quo u/jew tirrevoka *in parte* l-mandat ta’ sekwestru Nru 658/13 a tenur tal-Artikolu 281 b’rizerva ghad-drittijiet kollha tas-socjeta` rikorrenti fil-konfront tas-socjeta`. Bl-ispejjez kollha a karigu tal-appellat.”

Rat ir-risposta tas-socjeta` estera Tarros S.p.A li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti illi l-aggravji avvanzati fir-rikors tal-appell huma manifestament infondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li din il-Qorti, b’decizjoni tat-3 ta’ Dicembru 2010, kienet iddikjarat lis-socjeta` Tarros S.p.A kreditrici tas-socjeta` rikorrenti u kienet ikkonfermat is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta’ Gunju 2010 fis-sens li gej:

*"… … wara li tkompli tichad il-kontro-talbiet tas-socjeta` konvenuta u ga` cahdet l-eccezzjonijiet taghha, tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta` attrici:*

*"1. Tghid illi jista' jigi esegwit f'Malta l-lodo arbitrali moghti mix-Chambre Arbitrale Maritime de Monaco fid-29 ta' Jannar 1996;*

*"2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici l-bilanc ta' sitta u sebghin elf, erba' mija u tmintax-il Lira ta' Malta u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm76,418.28) – daqs mija u tmienja u sebghin elf u sitt Euro u wiehed u sebghin centezmu (€178,006.71); u*

*"3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas ukoll sbatax-il elf u hames mitt frank Franciz (FF17,500) – daqs elfejn sitt mija u sebgha u sittin Euro u sitta u tmenin centezmu (€2,667.86).*

*"Tikkundanna lill-konvenuta thallas ukoll l-ispejjez kollha tal-kawza u l-imghaxijiet mitluba fic-citazzjoni."*

L-imghaxijiet huma dekorribbli mid-29 ta' Jannar 1996 u l-ispejjez gudizzjarji ammontaw ghal tnax-il elf, tmien mija u tletin Euro u hamsa u sittin Euro (€12,830.65), skont taxxa esebita fl-atti. Il-kapital huwa ta' mija tmienja u sebghin elf, u sitt Euro u wiehed u sebghin centezmi (€178,006.71) + elfejn, sitt mija sebgha u sittin Euro u sitta u tmenin centezmi (€2,667.86) = mija u tmenin elf, sitt mija erbgha u sebghin Euro u sebgha u hamsin centezmi (€180,674.57). Fil-11 ta' Frar 2011, is-socjeta` kreditrici estera zbankat is-somma ta' hamsa u sittin elf, hames mija, hamsa u disghin Euro u hmistax-il centezmu (€65,595.15), u dan meta l-imghax kien gia` tela' ghas-somma ta' mitejn u sittax-il elf, Euro (€216,000) circa (u dan ghal medda ta' 15-il sena

mill-1996 sal-2011). Fid-19 ta' Settembru 2012, is-socjeta` estera xtrat proprjeta` tas-socjeta`debitrici animo compensandi ghal valur ta' mitejn u sebat elef Euro (€207,000). Fit-2 ta' Mejju 2013, is-socjeta` estera talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru, impunjat issa b'din il-procedura, ghal mija u hamsa u sittin elf, tliet mija u hmistax-il Euro u tnejn u hamsin centezmi (€165,315.52).

Is-socjeta` Valletta Freight Services Ltd qed tghid li l-ammont indikat hu esagerat, pretensjoni li giet michuda mill-ewwel Qorti.

Jekk wiehed jahdem fuq il-figuri indikati, issib li dak dovut lis-socjeta` estera huwa ta' mija u tmenin elf, sitt mija, erbgha u sebghin Euro u sebgha u hamsin centezmi (€180,674.57) + mitejn u sittax-il elf Euro (€216,000 imghax sal-2011) + tnax-il elf, tmien mija u tletin Euro u hamsa u sittin centezmi (€12,830.65) = erba' mija u disat elef, hames mija u hames Euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€409,505.22). Din is-socjeta` estera hadet hamsa u sittin elf, hames mija hamsa u disghin Euro u hmistax-il centezmu (€65,595.15) + mitejn u sebat elef Euro (€207,000), li jhalli bilanc dovut lis-socjeta` estera ta' mija u sitta u tletin elf, disa' mija u ghaxar Euro u seba' centezmi (€136,910.07). Jekk fuq il-kapital ta' 'l fuq minn mija u tmenin elf Euro (€180,000) wiehed izid imghax ulterjuri bir-rata ta' 8% ghas-snin 2012 u 2013, madwar tmintax-il elf u tmien mitt Euro (€18,800) ohra, jasal ghas-somma

dovuta ta’ mija u hamsa u hamsin elf u seba’ mija u ghaxar Euro u seba’ centezmi (€155,710.07).

Din hi s-somma li waslet ghaliha din il-Qorti b’kalkolu simplistiku u approssimattiv u minghajr u ma qieset imghaxijiet ohra, izda li hija vicina ferm il-figura ta’ mija u hamsa u sittin elf, tliet mija u hmistax-il Euro u tnejn u hamsin centezmi (€165,315.52) li waslet ghaliha s-socjeta` estera b’kalkolu aktar precizat. Jidher car, allura, li l-prospett dettaljat li pprezentat is-socjeta` estera, li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa, huwa wiehed gust u konformi mar-realta`.

Is-socjeta` Valletta Freight Services Ltd tinsisti fuq l-allegazzjoni li zball fil-kalkolu tal-imghax bejn id-29 ta’ Jannar 1996, sad-29 ta’ Mejju 2012 u li gie sa certu punt ammess mis-socjeta` estera, gie injorat mill-ewwel Qorti, izda dan mhux minnu. L-ewwel Qorti hadmet mill-gdid l-imghaxijiet dovuti, ghalkemm anke hi fuq bazi approssimattiv, u meta qieset kollox, osservat li l-mandat jidher li hareg ghal somma inferjuri ghall-ammont sa issa dovut.

Is-socjeta` debitrici quddiem din il-Qorti ressqet prospett biex turi kemm tippretendi hija s-somma li ghad fadlilha thallas. Dan il-prospett, pero`, ma jidhirx li jikkalkula sew l-imghaxijiet, u anke l-kalkoli approssimittivi li ghamlet din il-Qorti jaghtu rizultati ta’ imghax ferm superjuri ghal dak indikat fil-prospett tas-socjeta` appellanti. Hekk perezempju imghax bi 8% fuq is-sorte ta’ mija u

tmenin elf, sitt mija erbgha u sebghin Euro u sebgha u hamsin centezmi (€180,674.57) ghal 16-il sena, jaghti figura ferm oghla minn dik indikata mis-socjeta` appellanti, u cioe` mitejn, wiehed u tletin elf, mitejn u tlieta u sittin Euro u hamsa u erbghin centezmi (€231,263.45) u mhux mija u tlieta u sittin elf, tmien mija u hdax-il Euro u erbgha u tletin centezmi (€163,811.34) (spjegazzjoni matematika ghal din l-ahhar figura ma inghatatx). Il-prospett ipprezentat mis-socjeta` estera huwa mahdum b'aktar reqqa u precizjoni u bil-pagamenti akkont jittiehdu in konsiderazzjoni kif u meta saru. Din il-Qorti vverifikat il-matematika adoperata mis-socjeta` estera u taqbel maghha. X'gie indikat fi prospetti precedenti mhux daqshekk rilevanti darba li l-prospett li fuqu inhadmet il-figura ghal fini tal-mandat inkwistjoni jirrizulta korrett u gustifikat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` Valletta Freight Services Ltd billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta` appellanti, Valletta Freight Services Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------